**QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 9 ta` Lulju 2020**

**Rik. Nru. 31/2019 JZM**

**Emanuel Vella (ID 23958M) u martu Rita Vella (ID 398962M) ghal kull interess li jista` jkollha**

***kontra***

**Emanuel Censu Scicluna**

**[Passaport Numru 515859890 bhala Direttur tal-Kumpannija Docklands Limited (C42813); u**

**Docklands Limited (C42813)**

**Il-Qorti :**

**Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Emanuel u Rita konjugi Vella fit-3 ta` Frar 2020.**

**Rat id-digriet li tat fil-11 ta` Frar 2020 fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimati b`erbat ijiem zmien min-notifika sabiex jipprezentaw risposta.**

**Rat illi z-zewg intimati kienu notifikati separatment.**

**Rat illi ghalkemm fit-5 ta` Marzu 2020 iz-zewg intimati kienu debitament notifikati bir-rikors u bid-digriet, hadd minnhom ma pprezenta risposta.**

**Rat l-atti tal-kawza.**

**Billi <u>mhuwiex</u> fl-interess ta` <u>ebda</u> parti li *pendente lite* jkun disturbat l-*istatus quo* fil-kumpannija ntimata li kien fis-sehh <u>qabel</u> il-presentata tal-kawza fl-ismijiet premessi.**

**Billi huwa evidenti mill-premessi tar-rikors odjern li l-hsieb tar-rikorrenti huwa limitat propju sabiex jikkonserva l-i*status quo ante* mhux li jgieghel lill-qorti sabiex tixref fil-provvediment taghha tal-lum b`xi konsiderazzjoni li tiskonfina fil-mertu tal-istanza bejn il-partijiet.**

**Tqis li ghalkemm fit-tielet talba taghhom fil-kawza, ir-rikorrenti talbu direzzjoni mill-qorti sabiex l-assi tal-kumpannija ntimata ma jkunux trasferiti ghad-detriment taghhom, bil-fatt illi fil-provvediment odjern sejra tordna li ma jkunx hemm trasferiment tal-assi tal-istess kumpannija *pendente lite* la tkun qeghda taghmel konsiderazzjonijiet fil-mertu u lanqas ma tkun qeghda taghmel xejn ghad-detriment ta` xi parti fil-kawza.**

**Tqis li l-partijiet ghandhom jifhmu sewwa li fil-provvediment odjern ma sejra tghid xejn li b`xi mod jista` jiftiehem bhala xi espressjoni jew pronunzjament min-naha taghha dwar il-mertu. Tishaq fuq dan specjalment tenut kont tal-fatt li sal-lum m`ghadx kien hemm smigh jew gbir ta` provi.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi tordna li *pendente lite* ma jsir l-ebda trasferiment ta` assi tal-kumpannija ntimata minghajr l-approvazzjoni taghha.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**